



Brussell, 11 ta' Frar 2022
(OR. fr)

6028/22

LIMITE

AGRI 41
CODEX 3
FAO 6
SAN 71
VETER 8
SUSTDEV 27
CONUN 34
RELEX 144
WTO 14
FOOD 11
PHYTOSAN 6
ENV 103
CLIMA 56

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	5405/1/22 REV 2
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-impenn tal-UE għal Codex Alimentarius ambizzjuż u adattat għall-isfidi tal-lum u ta' għada – Approvazzjoni

1. Il-Codex Alimentarius huwa l-programm konġunt stabbilit fl-1963 mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) u l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) għall-istandards tal-ikel biex tiġi protetta s-saħħa tal-konsumatur u jiġu promossi prattiki ġusti fil-kummerċ tal-ikel. L-istandards tal-Codex Alimentarius huma referenza importanti għall-valutazzjoni tal-konformità mar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) fir-rigward tal-miżuri u r-regolamenti nazzjonali dwar is-sigurtà alimentari u l-protezzjoni tas-saħħa.

2. Minn meta l-UE ssiehbset fil-Codex Alimentarius fl-2003, il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-UE żviluppaw kooperazzjoni b'saħħitha dwar kwistjonijiet tal-Codex Alimentarius. Filwaqt li jibnu fuq il-qafas regolatorju u ta' politika wiesa' tal-UE biex jiżguraw is-sigurtà alimentari u l-protezzjoni tal-interessi tal-konsumatur, matul is-snin taw kontribut sinifikanti għall-ħidma tal-Codex Alimentarius fid-dimensjonijiet kollha tiegħu.
3. Wara d-diskussjonijiet preparatorji taħt il-Presidenza Slovena dwar il-prijoritajiet tal-UE u l-Istati Membri tagħha għall-Codex Alimentarius, fis-26 ta' Jannar 2022 il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ikel u Kwistjonijiet Agrikoli Internazzjonali (Codex Alimentarius) beda l-eżami tal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Codex Alimentarius imħejji mill-Presidenza.
5. Fl-10 ta' Frar 2022, il-Grupp ta' Ħidma ffinalizza d-diskussjonijiet tiegħu dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill u fil-11 ta' Frar 2022 il-Presidenza nnutat in-nuqqas ta' kummenti bil-miktub mid-delegazzjonijiet dwar l-abbozz finali li jinsab fid-dokument 5405/2/22 REV 2.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
- japprova l-abbozz finali ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-impenn tal-UE għal Codex Alimentarius ambizzjuż u adattat għall-isfidi tal-lum u ta' għada", kif jinsab fl-Addendum għal din in-nota;
 - jirrakkomanda lill-Kunsill japprova l-abbozz finali ta' konklużjonijiet tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 6028/22 ADD 1, bħala punt "A" fil-laqgħa tiegħu tat-21 ta' Frar 2022.